PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

12.1.2009

EMENDI
66 - 70

Abbozz ta' rapport
Gérard Deprez
(PE414.169v02-00)

fuq id-delegazzjoni LIBE għall-Italja nhar it-18 u d-19 ta’ Settembru
(emerġenza għal kampijiet tan-nomadi)

AM_Com_NonLegReport

Emenda 66
Viktória Mohácsi

Abbozz ta' rapport dwar id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Titolu

It-test tar-rapport	*Emenda*
(emerġenza għal kampijiet tan-nomadi)	***imħassra***

Or. en

Emenda 67
Viktória Mohácsi

Abbozz ta' rapport dwar id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni – paragrafu 2

It-test tar-rapport	*Emenda*
2. 2. setgħet teżamina u tifhem, b'mod parzjali, il-komplessità legali tal-miżuri differenti li ħadu l-Awtoritajiet Taljani fil-qafas tal-hekk imsejjaħ "pakket ta' sigurtà". Il-pakkett jgħaqqad flimkien id-Digriet tal-Liġi mibdul f'liġi, tliet digrieti leġiżlattivi, abbozz ta' liġi ordinarja u erba' ordnijiet tal-Gvern adottati skont il-mekkaniżmu tal-protezzjoni ċivili. Tali *formazzjoni komplessa legali* kienet (u tibqa') diffiċli biex wieħed jifhimha. Il-komunikazzjoni tagħha lill-pubbliku ġenerali u lill-midja tidher li kienet issimplifikata u inkorretta, ħolqot zoni oskuri li ħtieġu aktar internenti bħal, pereżempju, l-adozzjoni (wara t-talba għall-informazzjoni tal-Kummissjoni tal-UE u l-adozzjoni tal-Riżoluzzjoni tal-PE) tal-linji gwida Ministerjali li jakkumpanjaw l-"ordnijiet" tal-Gvern.	2. 2. setgħet teżamina u tifhem, b'mod parzjali, il-komplessità legali tal-miżuri differenti li ħadu l-Awtoritajiet Taljani fil-qafas tal-hekk imsejjaħ "pakkett ta' sigurtà". Il-pakkett jgħaqqad flimkien id-Digriet tal-Liġi mibdul f'liġi, tliet digrieti leġiżlattivi, abbozz ta' liġi ordinarja u erba' ordnijiet tal-Gvern adottati skont il-mekkaniżmu tal-protezzjoni ċivili. ***Ukoll jekk*** tali *formazzjoni legali komplessa* kienet (u tibqa') diffiċli biex wieħed jifhimha ***kompletament, huwa ċar li dawn il-liġijiet u r-regolamenti kellhom intent diskriminatorju u kien biss wara l-pressjoni esterna li l-gvern issuġġerixxa li jsiru xi modifiki fl-implimentazzjoni u possibilment xi emendi wkoll.*** Il-komunikazzjoni tagħha lill-pubbliku ġenerali u lill-midja tidher li kienet issimplifikata u inkorretta, ħolqot zoni oskuri li ħtieġu aktar internenti bħal, pereżempju, l-adozzjoni (wara t-talba għall-informazzjoni tal-Kummissjoni tal-UE u l-adozzjoni tal-Riżoluzzjoni tal-PE) tal-linji gwida Ministerjali li jakkumpanjaw l-"ordnijiet" tal-Gvern.

Or. en

Emenda 68
Viktória Mohácsi

Abbozz ta' rapport dwar id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni – paragrafu 3

It-test tar-rapport	*Emenda*
3. 3) anke jekk kienet immarkata b'nuqqas ovvju ta' ftehim (probabbilment minħabba problemi fit-traduzzjoni) ta' intervent ta' membru tad-Delegazzjoni tal-LIBE, il-laqgħa mal-Membri tal-Parlament Taljan kienet verament interessanti minħabba li ppermettiet li ssir verifika tal-problemi li jistgħu jinqalgħu meta jiġu implimentati l-miżuri tal-UE (bħad-Direttiva fuq il-libertà tal-moviment taċ-Ċittadini tal-UE). Fit-tmiem tal-laqgħa ġiet iddikjarata x-xewqa li jiġu organizzati laqgħat oħra fuq kwistjoni aktar iffokata u bi tħejjija aktar profonda.	3. 3) anke jekk kienet immarkata b'nuqqas ovvju ta' ftehim (probabbilment minħabba problemi fit-traduzzjoni) ta' intervent ta' membru tad-Delegazzjoni tal-LIBE, il-laqgħa mal-Membri tal-Parlament Taljan kienet verament interessanti minħabba li ppermettiet li ssir verifika tal-problemi li jistgħu jinqalgħu meta jiġu implimentati l-miżuri tal-UE (bħad-Direttiva fuq il-libertà tal-moviment taċ-Ċittadini tal-UE). Fit-tmiem tal-laqgħa ġiet iddikjarata x-xewqa li jiġu organizzati laqgħat oħra fuq kwistjoni aktar iffokata u bi tħejjija aktar profonda. ***Rakkomandazzjoni ulterjuri għall-Parlament Ewropew hija li għandu jidħol għal monitoraġġ regolari tal-qagħda, inkluż żjarat ta' segwitu bi skeda konkreta. B'mod partikolari, kull "pjan ta' rinsedjament" imsemmi fil-para. 5 għandu jkun immonitorjat mill-qrib kemm fil-fażi preparatorja kif ukoll f'dik ta' eżekuzzjoni;***

Or. en

Emenda 69
Viktória Mohácsi

Abbozz ta' rapport dwar id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni – paragrafu 4

It-test tar-rapport	*Emenda*
4. 4) ippermettiet il-ġbir ta' opinjonijiet, kummenti u kritika mir-rappreżentanti tal-	4. 4) ippermettiet il-ġbir ta' opinjonijiet, kummenti u kritika mir-rappreżentanti tal-

Istituzzjonijiet (pereżempju l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar u l-UNHCR) u tal-NGOs dwar il-fatt li għal perjodu twil ta żmien il-kundizzjoni tan-***nies nomadi*** ma ġietx mogħtija biżżejjed attenzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi u li s-sitwazzjoni tpoġġiet f'periklu serju.	Istituzzjonijiet (pereżempju l-Organizzazzjoni tas-Salib l-Aħmar u l-UNHCR) u tal-NGOs dwar il-fatt li għal perjodu twil ta żmien il-kundizzjoni ***tar-Roma*** ma ġietx mogħtija biżżejjed attenzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi u li s-sitwazzjoni tpoġġiet f'periklu serju. ***b'żjieda ma' dan, kienet il-pożizzjoni ta' għadd ta' NGOs illi d-digrieti u l-liġijiet ta' emerġenza huma diskriminatorji, li kien hemm tħassib serju li ċ-ċensiment kien qed jintuża primarjament bħala miżura ta' infurzar tal-liġi u ta' molestja, u li l-Gvern huwa magħruf li qajla jwettaq ebda programm li fil-fatt itejjeb il-qagħda tal-għajxien tar-Roma u s-Sinti fl-Italja.***
	Or. en

Emenda 70
Viktória Mohácsi

Abbozz ta' rapport dwar id-delegazzjoni LIBE għall-Italja
Konklużjoni – paragrafu 6 a (ġdid)

It-test tar-rapport	*Emenda*
	6a. Rakkomandazzjonijiet:
	Bosta mill-azzjonijiet tal-awtoritajiet Taljani jivvjolaw għadd ta' obbligi tal-Italja skont il-liġi internazzjonali tal-jeddijiet tal-bniedem. Fost l-oħrajn, bħala Parti għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR), il-Gvern Taljan huwa rikjest, skont it-termini tal-Artikolu 3, jiżgura li "Ħadd m'għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti." Għaldaqstant,
	L-Awtoritajiet Taljani għandhom:
	1. Jieqfu immedjatament milli jgħaddu rimarki anti-Romani u milli jkomplu jqanqlu l-mibegħda pubblika għar-Roma fl-Italja;
	2. L-Uffiċju Nazzjonali kontra d-

Diskriminazzjoni Razzjali (UNAR), l-entità nazzjonali Taljana tal-ugwaljanza, għandu immedjatament jikkundanna b'mod pubbliku l-iżviluppi fl-Italja li ġew aċċentwati f'dan ir-rapport u jagħmel kulma hu fil-poter tiegħu biex jittratta dawn l-atti ta' diskriminazzjoni kontra r-Roma;

3. Jadottaw u jimplimentaw kampanja nazzjonali anti-razzista sabiex itejbu l-perċezzjoni pubblika tar-Roma fl-Italja;

4. Mingħajr dewmien, jabrogaw kull leġiżlazzjoni u politika li għad fadal li tolqot negattivament lir-Roma.

5. Jinvestigaw kull allegat każ ta' abbuż u maltrattament mill-pulizija fuq ir-Roma u jiżguraw li l-uffiċjali li abbużaw jew immaltrattaw jinżammu responsabbli;

6. Jiżguraw ir-rispett għall-invjolabilità tad-djar tar-Roma biex immedjatament jieqfu mir-raids u mill-verifiki tal-pulizija fuq il-kampijiet Romani;

7. Iwaqqfu l-evizzjonijiet forzati tar-Roma li jirriżultaw fit-telfien tal-abitazzjonijiet, u jirrispettaw is-salvagwardji legali disponibbli għall-individwi li jiffaċċjaw l-evizzjoni;

8. Jittrattaw lir-Roma daqs kull resident ieħor tal-Italja u ma jibqgħux jassoġġettawhom għal verifiki diskriminatorji tad-dokumenti;

9. Jikkundannaw pubblikament kull pogrom anti-Romani u jaġixxu biex isir ħaqq mill-perpetraturi ta' kull att bħal dan li seta' ġa sar;

a. Investigazzjoni magħmula sew u effettiva;

b. Prosekuzzjoni tal-perpetraturi identifikati sa kemm tippermetti l-liġi;

10. Jinforzaw b'mod effettiv il-liġi anti-diskriminatorja komprensiva tal-Italja, jiżguraw it-trattament ugwali tar-Roma fl-oqsma kollha ddelineati fl-amibtu tal-liġi; kif ukoll

11. Jadottaw, b'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tar-Roma, strateġija komprensiva għat-titjib tal-qagħda tar-Roma fl-Italja, bi pjanijiet t'azzjoni

approprijati u b'riżorsi adegwati.

Or. en